**GĦAQDA KAŻINI TAL-BANDA**
64, Triq G.M. Camilleri, Ħamrun ĦMR 1180.

STATUT TAL-GHAQDA KIF EMENDAT FIL-LAQGHA TAL-KUNSILL-24/2/02

**Isem** Din l-Ghaqda, mwaqqfa fis-sena 1947, ghandha tkun maghrufa bl-isem : **Ghaqda Kazini tal-Banda.**

**Indirizz** L-indirizz postali tal-Ghaqda huwa dak tal-Ufficcju f'Nru. **64, Triq G.M. Camilleri, Hamrun.**

**Ghan** L-ghanijiet ewlenija ta' din l-Ghaqda huma:-

1 li ssahhah u ttejjeb ir-relazzjonijiet bejn il-kazini tal-Banda.

2 Li tghin fil-htigijiet ta' nteress generali u tahdem biex tnehhi d-diffikultajiet li jistghu jinqalghu lil xi Ghaqda kif ukoll lill-Ghaqdiet kollha flimkien.

3 Li taghmel minn kollox biex tkabbar it-taghlim tal-muzika.

4 Waqt li l-Ghaqda hija organizzazzjoni purament voluntarja, ma tiggenerax qliegh mill-attivitajiet taghha.

**Regolamenti**

Art. 1 Jistghu jissiehbu fl-**Ghaqda Kazini tal-Banda** dawk l-Ghaqdiet (socjetajiet) li ghandhom il-permessi kollha ta' l-awtoritajiet civili mehtiega, u li l-istatut taghhom huwa konformi ma l-ghanijiet ta' din l-Ghaqda. Kull talba ghal shubija gdida ghandha tigi studjata minn kummissjoni mahtura mill-kumitat ezekuttiv. Din il-kummissjoni trid tistudja jekk it-twaqqif ta din l-Ghaqda kienx ta' tfixkil ghal baned li kienu ezistenti. Rapport li jkun jinkludi c-cirkostanzi kollha misjuba minn din il-kummissjoni jigi mressaq quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill b'maggoranza relattiva jista jilqa jew jichad talba ghal shubija.

Art. 2 Il-Kazini msiehba jridu jhallsu 15 il-Ewro fis-sena bil-quddiem bhala dritt tas-shubija.

Art. 3 Il-Kunsill tal-Ghaqda Kazini tal-Banda huwa l-ghola organu tal-Ghaqda Kazini tal-Banda. Dan il-Kunsill ikun maghmul minn zewg rapprezentanti minn kull Ghaqda. Kull sentejn, fix-xahar ta' Frar, ghandha ssir laqgha tal-Kunsill biex jigi mahtur il-kumitat ezekuttiv. Kull Ghaqda jkollha vot wiehed.

Art. 4a Dan il-Kunsill jaghzel il-kumitat ezekuttiv li jkun jikkonsisti minn: President, Vici President, Segretarju Generali, Tezorier u seba' membri li wiehed minnhom ikun maghzul mill-Kazini membri f'Ghawdex. Il-membri jintghazlu minn fost ir-rapprezentanti. Ma jistghux jigu

nominati jew mahtura fil-kumitat ezekuttiv izjed minn rapprezentant wiehed mill-istess Ghaqda. Jigu mahtura wkoll zewg revizuri li ma kienux servew bhala revizuri fis-sentejn ta' qabel. Ir-revizuri jistghu ma jkunux membri tal-Kunsill.

Art. 4b Sa gimgha qabel id-data tal-laqgha tal-Kunsill, is-Segretarju Generali jilqa nomini ghal ufficcjali u membri tal-Kumitat Ezekuttiv. Kull nomina trid tkun proposta minn delegat ta' Kazin kif ukoll mill-persuna proposta, li trid tkun ukoll delagat f'isem Kazin ghal laqgha tal-Kunsill. B'dan irid jinghad ukoll li c-cirkulari li permezz taghha tkun qed tigi msejha laqgha tal-Kunsill trid tkun waslet ghand il-Kazini membri tal-Ghaqda mill-inqas tliet gimghat qabel id-data li fiha jissejjah il-Kunsill.

Art. 4c Mozzjonijiet ghal laqghat tal-Kunsill, inkluz biex ikun emendat l-Istatut iridu wkoll jaslu ghand is-Segretarju Generali iffirmati minn delegat proponent u sekondati minn delegat iehor sa l-istess zmien kif indikat f'Artiklu 4 (b).

Art. 4d Mozzjonijiet u rizoluzzjonijiet b'urgenza jistghu jigu accettati minn min ikun qed jippresiedi l-Kunsill sakemm ma jkunx hemm oggezzjoni minn xi delegat.

Art. 5 Il-Kaxxier ghandu jiddeposita f'kont kurrenti f'bank, kull flus li jircievi. Kull gbid u hlas ta' flus irid jigi iffirmat mill-kaxxier u mill-President jew is-Segretarju. Kull infiq straordinarju ta' izjed minn elfejn Ewro irid jigi approvat mill-Kunsill.

Art. 6 A Il-Kunsill Generali jiltaqa (i) fix-xhur ta' Frar u Settembru ta' kull sena, (ii) meta jiddeciedi l-Kumitat Ezekuttiv, jew (iii) fuq talba ta' wiehed minn tlieta tal-membri li jkunu hallsu l-menswalita taghhom skond l-istatut.

B Fil-laqghat ta' Frar, is-Segretarju jrid jaghti rapport amministrattiv.

C Fil-laqghat ta' Frar u Settembru, l-kaxxier irid iressaq rapport finanzjarju. Ir-rapport ta' Frar irid ikun approvat mir-revizuri.

D Il-membri ghandhom jigu avzati billi tintbaghat l-Agenda lis-Segretarji. Il-Kunsill ghandu d-dritt li jiehu kull decizjoni fuq din l-Agenda. Kull direttiva tal-Kunsill lill-Ghaqdiet trid tigi approvata minn tnejn minn kull tliet Ghaqdiet membri msiehba prezenti.

E Kull Ghaqda msiehba ma' l-Ghaqda Kazini tal-Banda hija marbuta bid-decizjonijiet tal-Kunsill Generali. Jekk tikser xi wiehed minn dawn id-direttivi, l-Kunsill ghandu d-dritt li jordna lill-Ghaqda li tkun kisret dawn id-direttivi:

1 Li thallas multa ta' mhux aktar minn 484 Ewro;
2 Li tithassar minn fuq ir-roster ta' servizzi li jkollha l-Gh. K. B.;
3 Is-sospensjoni jew tkeccija mill-Gh. K. B.;

4 Din id-decisjoni trid tigi approvata f'laqgha tal-Kunsill b'maggoranza ta' tnejn minn kull tliet Ghaqdiet membri prezenti.

Art. 7 Fi zmien xahar mill-elezzjoni tal-kumitat ezekuttiv, il-kumitat ghandu jsejjah laqgha ghaz-zghazagh. Ghal din il-laqgha, kull Ghaqda msiehba ghandha tibghat zewg delegati li jkunu ghadhom ma ghalqux hamsa u ghoxrin sena. Id-delegati jaghzlu erba' minn fosthom biex iservu bhala membri fl-Ezekuttiv. Ma jistghux jigu maghzula tnejn mill-istess Ghaqda.

Art. 8 Kull Ghaqda msiehba trid wara l-ghazla ta' Kumitat Gdid taghha, tavza lis-Segretarju tal-Ghaqda Kazini tal-Banda min se jkunu r-rapprezentanti taghha fil-Kunsill ghas-sentejn li gejjin. Meta ma jkunx jista jattendi xi hadd minn dawn ir-rapprezentanti, l-Ghaqda tista tibghat persuna ohra. Dan irid ikun awtorizzat bil-miktub fuq ittra bil-letterhead .

Art. 9 Ghaqda li ma tkunx hallset il-menswalita skond l-Istatut ma tistax tattendi ghal laqghat tal-Kunsill. Ghaqda li ma' tkunx hallset il-menswalita ghal tliet snin ghandha tigi mgharrfa b'ittra registrata u jekk ma thallasx fi zmien xaharejn, ma tkunx tista tiehu sehem fl-attivitajiet ta' l-Ghaqda Kazini tal-Banda.

Art. 10 Ghaqda msiehba li tkun halliet jew giet sospiza mill-Gh. K. B. tista terggha tigi accettata izda trid thallas ghas-shubija tas-snin nieqsa u dritt iehor ta' tnax il-Ewro.

Art. 11 Il-Laqgha tal-Kunsill Ezekuttiv ghandha tigi mmexxija mill-President. Biex imexxu l-elezzjoni ta' l-ezekuttiv ghandu jigi maghzul 'chairman' u zewg persuni, minn fost il-prezenti. Dawn ma jistghux jigu proposti ghal xi kariga fl-Ezekuttiv.

Art. 12 Il-Kunsill jista jahtar Presidenti Onorarji.

Art. 13 Il-membri tal-Kumitat Ezekuttiv li jonqsu ghal tliet darbiet mill-laqghat, minghajr raguni valida, jistghu jigu dikjarati mill-ezekuttiv li ma ghadhomx membri tal-Ezekuttiv.

Art. 14 F'kaz ta' vakanza ta' xi ufficcjal ta' l-Ezekuttiv, ghandu jissejjah il-Kunsill fi zmien xahar biex jintghazel iehor.

Art. 15 F'kaz li xi ufficcjal jew membru tal-ezekuttiv jigi mibdul jew irtirat mill-Ghaqda tieghu matul is-sentejn tal-hatra tieghu, hu jrid jirtira mill-Ezekuttiv.

Art. 16 F'kaz ta' vakanza ta' wiehed mis-seba' membri ta' l-Ezekuttiv, il-post jigi mimli mir-runner up. Jekk ma jkunx hemm runner up, l-ezekuttiv jista jikkoptja minn fost id-delegati. Jekk jonqos wiehed miz-zghazagh postu jimtela mir-runner up taz-zghazagh jew koptjat minn fost delegat taz-zghazagh.

Art. 17 Fi kwistjoni bejn zewg Ghaqdiet membri, l-Ezekuttiv ghandu dritt isejjah ghal diskussjoni liz-zewg Ghaqdiet. Ghal min jirrifjuta ghandu jigi applikat Artiklu 5.

Art. 18 Din l-Ghaqda ma tindahalx fl-amministrazzjoni, direzzjoni u tmexxija interna tal-Ghaqdiet msiehba u tirrispetta l-istatut ta' kwalunkwe Ghaqda sakemm dan ma jkunx imur kontra l-ghan ta' din l-Ghaqda.

Art. 19 Il-President, Segretarju u Kaxxier flimkien ghandhom id-dritt u d-dmir li jidhru f'kull kuntratt legali li jigi approvat mill-Kunsill. Fl-assenza ta' wiehed minn dawn it-tliet ufficcjali, ghandu jattendi l-assistant tieghu.

Art. 20 Il-kworum ghal laqghat tal-Kumitat Ezekuttiv u l-Kunsill ikun ta' wiehed izjed minn nofs tal-membri msiehba. Fil-laqghat tal-kunsill jekk sa hmistax il-minuta wara l-hin avzat ma jintlahaqx kworum, il-laqgha tibda bil-membri prezenti.

Art. 21 Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu jiltaqa mill-inqas darba fix-xahar.

Art. 22 L-Ghaqda tista tigi xolta jekk in-numru ta' membri affiljati jkunu inqas minn 25% tal-Kazini mwaqqfa u li skond l-Istatut tal-Ghaqda jistghu jkunu affiljati. F'kaz li l-Kumitat Ezekuttiv jiddikjara li jinsab f'dak l-istat, jibda hidma ta sentejn li matulhom isiru sforzi biex is-sitwazzjoni tkun rettifikata. Jekk dan l-isforz ma jirnexxiex, l-Kumitat Ezekuttiv ghandu jahtar Accountant Professjonali biex temporanjament jiehu hsieb l-assi ta' l-Ghaqda. F'laqgha tal-Kunsill msejha apposta ghal dan il-ghan, il-membri prezenti jiddeciedu b'maggoranza semplici, lil min, fost l-Ghaqdiet li jidhru fl-elenku ufficcjali tal-Organizzazzjonijiet Filantropici u Voluntarji ghandhom jghaddu l-Assi tal-Ghaqda.

Art. 23 Dawn ir-regolamenti jistghu jinbidlu, jizdiedu jew jonqsu f'laqgha tal-Kunsill li tkun imsejha ghalhekk, bl-approvazzjoni ta' tnejn minn kull tliet Ghaqdiet prezenti.

Art. 24 F'dawk il-kazi li ma humiex ikkontemplati f'dawn ir-regolamenti, jiddeciedi l-ezekuttiv skond ic-cirkostanzi. Min ikun jippresiedi ghandu d-drittijiet kollha, skond il-prassi, biex ikun jista jmexxi l-laqghat.

*Dawn ir-regolamenti gew riveduti u approvati f'laqgha tal-Kunsill li nzammet fiz-17 ta' Novembru 1995; emendati fil-laqghat tat-18 ta' Lulju u tas-27 ta' Settembru 1996, fis-7 ta' Jannar 2000, fl-1 ta' Frar 2002, fis-26 ta' Settembru 2008, u fl-24 ta' Frar 2012..*

L.V. Farrugia
President

J.C. Azzopardi
Segretarju